# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2384

Każ numru 3103/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Maria Dorianne Darmanin
(ID 192579M)
u
Yellow Pages (Malta) Limited

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: <u>James Henry Pearsall</u>**

**Illum l-Erbgha 6 ta'Mejju 2015**

1. **Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota ta' rikors ippreżentata minn Maria Doriannne Darmanini fir-Reġistru tal-Qorti Superjuri nhar il-25 ta' Jannar 2013 fejn sostniet illi t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha ma kinitx għal raġuni valida skont l-ATT tal-2003 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta).

Min-naħa tagħha s-soċjetà intimata f'dikjarazzjoni illi għamlet, datata t-8 ta' Frar 2013, ċaħdet bil-qawwa l-allegazzjoni tal-appellanta illi t-tkeċċija tagħha kienet waħda inġusta u mingħajr raġuni valida fil-liġi.
It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-każ kif preżentati miż-żewġ partijiet, żamm tmien (8) seduti, sema' x-xhieda mressqa miż-żewġ naħat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa inkonsiderazzjoni l-argumenti kif ippreżentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien xahar kif stabbilit mil-liġi minħabba n-numru ta' seduti, diferimenti li ntalbu, kif ukoll minħabba ċirkostanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

2. **Ir-rappreżentanza:**

2.1 Maria Dorianne Darmanin, illi minn issa 'l quddiem ser tisssejjaħ ir-rikorrenti, kienet megħjuna mill-Avv. Dr.Patrick Galea.

2.2 Is-Socjetà Yellow Pages (Malta) Ltd, li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ is-soċjetà intimata, kienet irrappreżentata mis-Sur David Gatt, u aktar tard fil-proceduri mis-Sur Nicholas Soler u Sjra Ingrid Gatt meghjuna mill-Avv.Simon Galea Testaferrata.

**3. Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

Ir-rikorrenti bdiet l-impjieg tagħha mas-soċjetà intimata nhar l-1 ta' Frar 2010 fil-kariga ta' Sales Executive fuq kuntratt *full time* għal żmien indefinit. Fl-1 ta' Ottubru 2012 daħlet għax-xogħol u ġiet avżata li l-impjieg tagħha ġie terminat. Wara li ħadet parir mill-Uffiċċju ta' Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali fejn qalet li kellha tinforma lil min iħaddimha, li għandha tispiċċa bin-*notice*.

Min-naħa tagħha s-soċjetà tirritjeni li r-rikorrenti kienet naqset milli tilħaq il-miri pristabbiliti fix-xogħol tagħha u wara li kelmitha is-*Sales Manager* taghha, kienet hi stess li tat ir-riżenja tagħha u mhux ġiet imkeċċija.

**4. Il-lista ta' xhieda:**

4.1 Xhieda mressqa mir-rikorrenti (lista annessa fil-proċess).

4.2 Xhieda mressqa mis-soċjetà intimata (lista annessa fil-proċess).

**5. Il-lista ta' dokumenti**

**5.1** Ġew ippreżentati sensiela ta' dokumenti, kemm mir-rikorrenti kif ukoll mis-soċjetà intimata, li dawn ġew esibiti fil-proċess ta' dan każ u li tagħhom iż-żewġ partijiet għandhom kopja.

**6. Is-sinteżi tax-xhieda:**

**6.1 Maria Dorianne Darmanin:** Fix-xhieda taghha spjegat kif wara li reġgħet ġiet impjegata mas-soċjetà intimata hi għamlet tliet kampanji fejn fl-ewwel waħda (2010) kienet għamlet, laħqet il-miri kif mitluba però t-tnejn ta' wara (2011; 2012) hi ma rnexxiliex anke jekk imbidlillha l-maniġer u s-settur tal-klijenti. Hi dejjem kienet tal-fehma li l-aqwa li kienet tagħmel is-*sales* anke jekk ma tilħaqx il-miri rikjesti mill-kumpanija. Hi spjegat x'kien ġara fil-ġurnata tat-terminazzjoni fejn kienet marret id-dipartiment tax-xogħol u mxiet fuq il-parir tagħhom u għamlet ir-riżenja tagħha, skont kif kitbulha l-ittra tad-dipartiment.

**6.2 Elaine Borg:** Fix-xhieda tagħha tat-12 ta' Ġunju 2013, tat spjegazzjoni ta' dak li kien ġralha wara li kienet ilha impjegata mas-soċjetà intimata għal aktar minn erba' snin, ħadmet ħames kampanji u sfat fil-pożizzjoni li ġiet mitluba mill-maniġer tagħha (Gaynor) jew tirrinżenja jew nkella titkeċċa. Hi spejgat ukoll li kienet marret l-ETC, fejn kienu qalulhom li huma setgħu jiġu mkeċċija. Hi kienet irriżenjat għax beżgħet li jekk tiġi mkeċċija b'dixxiplina , ser tirrifletti ħażin fuqha ma' min iħaddimha fil-futur.

**6.3 Nicholas Soler:** Fix-xhieda tiegħu spjega x'kien ġara wara li r-rikorrenti kienet reġgħet ġiet impjegata mas-soċjetà intimata anke jekk hu ma kienx tal-fehma li hi kienet kapaċi għar-rwol li xtaqet taħdem fih. **H**u xorta kellu jaġixxi bħala d-direttur maniġerjali sabiex jieħu d-deċiżjoni, anke jekk kontra qalbu, sabiex ir-rikorrent jitterminalha l-impjieg wara li ġie infurmat li hi ma kinetx qed tilħaq il-miri kif stabbiliti mis-soċjetà intimata. Hu irretjena li "*no irizenjat if I had to fill in the termination form I would have said not meeting the budget u mhix personali*"

**6.4 David Gatt:** Fix-xhieda tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2013 ikkonferma li r-rikorrenti kienet laħqet il-baġit tal-2010. Hu spjega li fl-2011 hi ma laħqetx il-baġit u bidlulha l-maniġer u xorta ma laħqitx il-baġit tal-2012. Hu spjega li l-atteġġjament tas-soċjetà mar-rikorrent kien differenti minn impjegati oħra "*iġifieri tajnhieha l-opportunità u għenieha biex tkun successful. Iġifieri l-approach tagħna ma kienx fejn isma' you're in breach of contract"*

Għar-riferenza taċ-Chairman *" fejn hemm mill-kwistjoni ta' sales targets fil-kuntratt tat-two thousand hemm miktub three consecutive failures";* is-Sur Gatt irrisponda *"Hekk hu" u reġa' kkonferma "_____ mhux talli lanqas nieħdu azzjoni wara sena sħiħa talli konna kostretti noħduha wara sentejn"*

Xhieda 12-06-2013 "______ *Two thousand and eleven which was her second year ma għamlitx budget u two thousand and twelve ma għamlitx il-budget fi new business"*

**6.5 Ingrid Gatt:** Fix-xhieda tagħha tal-Erbgha, 22 ta' Jannar 2014 ikkonfermat li r-rikorrent ma kinetx laħqet it-target tagħha.*"_____ it-target tagħha kien għal seventy-five thousand u sales ġabet fifty-four*

*thousand eight hundred and twenty-three".* Hi spejgat il-proċess tax-xogħol ta' matul il-kampanja fejn sosstniet li ir-rikorrent ma kinetx laħqet it-targets tal-2012.

Qalet li fil-ġurnata li r-rikorrent kellha tiddiskuti l-performance appraisal magħha, l-anqas biss kienet imlietu u sabitha timlieh dak il-ħin stess, allavolja kien għandha ġimgha qabel. Ix-xhud spjegat lir-rikorrent "*għedtilha li ma tantx qed turi li għas-sena li ġejja li trid vera timpruvja, li l-anqas biss qed tindenja ruħha tieħu dan bis-serjetà* ______" qalet ukoll "*Tajtha l-possibilità li mhux jekk tippreferi li tirriżenja hi milli jkollha of being let go iġifieri and she took the option of that she will resign*" "__________ *I want to resign for it she wants to think about it and she resigned and she gave me the letter"*.

**7. Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:**

**7.1 Dr. Simon Galea Testaferrata** għan-nom tas-soċjetà intimata asserixxa li t-tkeċċija tagħha kienet waħda ġusta għax is-soċjetà aġixxiet skont il-kuntratt ta' impieg fejn huwa spjega " __________*illi dawn il-miri tagħha għal żewġ, għal sentejn sħaħ konsekuttivi ma ġewx milħuqha*". Irrefera li dawn il-miri jiġu pristabbiliti sena b'sena. Hu semma wkoll li r-rikorrent kienet qed turi atteġġjament li kienet qed tieħu kien wieħed legger. Hu tenna li r-rikorrent kisret il-kundizzjonijet tal-impjieg tagħha.

**7.2 Dr. Patrick Galea** għan-nom tar-rikorrenti enfasizza l-argumenti tiegħu illi dan il-każ huwa wieħed ta' *Constructive Dismissal* anzi rrifera anke għall-*mass dismissals* matul perjodi differenti ta' żmien, għax qal li kienu ħafna impjegati li ġew itterminati mill-impieg.

Hu jirreferi li t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha kienet inġusta billi spjega u għamel paraguni ta' x' kienet tagħmel ir-rikorrent ma' xogħol li kienu jagħmlu impjegati oħra, fejn irritjena li hi kienet sejra tajjeb.

**8. Il-kunsiderazzjonijiet tat-tribunal:**

It-Tribunal filwaqt li ra ir-rikors promotur li kien jirreferi għat-tkeċċija inġusta, segwa x-xhieda tar-rikorrent fejn ġiet żvolġuta t-talba għall-*Constructive Dismissal*. Minn naħa tagħha r-rikorrenti tat wieħed x'jifhem li hi ġiet imwassla fis-sitwazzjoni fejni jew tirriżenja jew titkeċċa.

In-natura tax-xogħol tas-soċjetà intimata, hu dak ta' bejgħ ta' reklami b'diversi modi. Is-soċjetà kellha fil-bażi tal-kuntratt ta' xogħol tal-impjegati li kellhom x'jaqsmu mas-*sales*, waħda minnhom ir-rikorrent, (Rif. kuntratt

ta' impjieg tal-10 ta' Jannar 2000 kif ppreżentat), u li f'dan il-kuntratt l-impjegati kollha kellhom fih l-istess klawsola li tgħid.

"*You will be required to attain weekly or monthly sales targets as established by Management from time to time*. **Three consecutive failures** *in reaching sales targets will render you liable to dismissa*l**."**

It-tribunal fehem li l-implimentazzjoni ta' din il-klawsola ma kinitx tapplika biss għar-rikorrent iżda għal dawk l-impjegati kollha, li fil-prestazzjoni tax-xogħol tagħhom ma kinux ilaħqu mal-miri prestabbiliti mis-soċjetà intimata. Għalhekk it-Tribunal ħa l-ewwel kunsiderazzjoni li r-rikorrent ma kinitx ittrattata differrenti minn impjegati oħra.

It-Tribunal jinnota wkoll li kontra l-opinjoni tad-direttur maniġerjali, is-Sur Nicholas Soler, ir-rikorrenti reġgħet ingħatat l-opportunità ta' impjieg mas-soċjetà intimata fi Frar tal-2010, permezz tal-intervent tal-*General Sales Manager*, is-Sur David Gatt, sabiex jerġa' jiġi ppruvat il-potenzjal li hija seta' kellha. Ir-rikorrent kienet tiġi segwita mill-uffiċjali maniġerjali tal-kumpanija fl-andament tax-xogħol tagħha. It-Tribunal jikkonferma li b'dan il-pass minn naħa tas-soċjetà intimata kien juri li ma kien hemm l-ebda forma ta' preġudizzju lejha.

It-Tribunal ikkonferma li r-rikorrent kienet tingħata l-għajnuna kollha meħtieġa kontinwament, sabiex tkun tista' taqdi d-doveri b'effiċjenza u tasal biex tilħaq il-miri meħtieġa (xhieda ta' Ingrid Gatt, *Sales Manager*). Għalhekk it-Tribunal ma setax jindika li kien hemm nuqqasijiet jew tfixkil min-naħa tas-soċjetà intimata lejn ir-rikorrenti, li seta' wassal għall-prestazzjoni mhux aċċettabli min-naħa tas-soċjetà.

Dal-istess Tribunal ma jistax jinjora l-fatt li n-nuqqas tal-livell ta' prestazzjoni tar-rikorrenti, għalkemm mhux intenzjonat, kien qiegħed jirriżulta f'nuqqas ta' dħul finanzjarju lill-kumpanija, li taħdem f'suq delikat u kompettiv. Fl-istess ħin, it-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt li r-rikorrent kienet qiegħda tiġi indirettament ippenalizzata meta hi ma kinitx tilħaq il-miri tagħha, permezz ta' qliegħ anqas fil-kummissjoni, kif stipulat fl-istess kuntratt tal-impjieg (Ref. kuntratt: *Remuneration*).

It-Tribunal jinnota mix-xhieda (Ref. seduta tat-22 ta' Jannar 2014) tas-*Sales Manager* is-Sinjura Ingrid Gatt, li fl-aħħar laqgħa li kellha mar-rikorrent, kellha tesegwixxi implimentazzjoni ta' deċiżjoni maniġerjali, kif kien jesegwixxi l-istess kuntratt tal-impjieg tar-rikorrenti. Hi qalet lir-rikorrent sabiex jew tirriżenja jew ser ikollha titkeċċa. Ir-rikorrent ingħatat il-ħin tagħha sabiex taħsibha u fil-fatt wara, hija ssottomettiet ir-riżenja tagħha, wara li ħadet il-parir tad-DIER. (Dokument sottomess fil-proċess).

L-attitudni tas-*Sales Manager*, anke kif ikkonfermat mir-rikorrenti stess, ma kinitx tikkostittwixxi bl-ebda mod x'elementi ta' sforz li seta' ħoloq *Duress* fuq ir-rikorrenti li wasslitha sabiex tieħu deċiżjoni sfurzata. Dan huwa kkonfermat mill-istess rikorrenti fix-xhieda tagħha meta stqarret għal diversi drabi li meta għajtitilha l-maniġer sabiex tkellimna kienet ir-rikorrenti stess li qaltilha "____________ *diġà naf x'ser tgħidli.*", kif ikkonfermat ukoll li d-diskussjoni kienet waħda ċivili, "____________*nice and polite way*" (Seduta 20-02-2013).

It-Tribunal fehem il-linja li sostniet is-soċjetà intimata bil-provi tagħha, fejn reġgħet stqarriet li r-rikorrenti ma laħqitx il-miri skont il-kuntratt u għalhekk kellha d-dritt li titterminalha l-impjieg. It-Tribunal ma jistax ma jsostniex li l-klawsola li tippermetti lis-soċjetà tittermina l-impjieg, tesprimi espliċitament li dan setgħet tagħmlu biss meta r-rikorrenti tkun falliet li tilħaq il-miri tagħha wara tliet darbiet konsekuttivi. Dil-klawsola tiddefinixxi, li t-tliett darbiet setgħu jkunu f'termini ta' ġimgħat, xhur jew anke wara kampanji, kif espremiet fix-xhieda tagħha l-istess soċjetà intimata meta rreferiet li r-rikorrenti ma laħqitx il-miri ta' żewġ kampanji konsekuttivi.

It-Tribunal ikkunsidra li s-soċjetà intimata kienet tiġbed l-attenzjoni tar-rikorrenti tempestivament meta hi ma kinitx tilħaq il-miri stabbiliti, permezz ta' laqgħat konsekuttivi mal-*manager* tagħha, fejn kienet tagħmlilha l-*performance appraisals* u tagħtiha l-għajnuna meħtieġa sabiex tgħinha jirnexxielha tilħaq il-miri mitluba. Kien jidher ċar li r-rikorrenti ma kinitx qiegħda tagħmel l-almu meħtieġ sabiex hija tagħmel il-progress rikjest mill-*manager* tagħha. Dan huwa kkonfermat permezz tal-*performance appraisals* li ġew ippreżentati mis-soċjetà intimata. (Dok I G 9), u li kienu ferm xotti fl-ispjegazzjoni miktuba mill-istess rikorrent.

Wieħed jara li s-soċjetà intimata, kif riferut fix-xhieda tagħha, (seduta 12-06-2014 David Gatt; seduta 26-02-2014 Ingrid Gatt), meta r-rikorrenti kienet tkun avżata minn tal-anqas kull xahar, rigward l-andament fix-xogħol tagħha matul kampanja li kienet tieħu sena, dehrilha li r-rikorrent issa kienet waqgħet lura fil-miri mitluba fl-aħħar żewġ kampanji. Ghalhekk is-soċjetà ħasset li kienet tat aktar minn tliet opportunitajiet lir-rikorrenti.

L-użu tal-perjodu ta' tliet darbiet konsekuttivi sabiex jittieħdu passi kontra r-rikorrenti kienet prerogattiva biss tas-soċjetà intimata, għax din hija kostitwita fil-klawsola tal-kuntratt. "*You will be required to attain weekly or monthly sales targets___________. Three consecutive failures_______.*" Is-soċjetà intimata setgħet tagħżel hi jekk titterminax l-impjieg wara tliet ġimgħat, xhur jew snin għax kienet tkun qed timxi mal-kuntratt kif stabbilit.

### 9. Id-deċiżjoni:

It-Tribunal Industrijali sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha kif ukoll ta' kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet. Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif ġie espost f'dan il-proċess it-Tribunal kien jidher ċar illi

(a) Is-soċjetà intimata tat aktar minn tliet opportunitajiet lir-rikorrent, bħala twissija, sabiex kienet tkun ċara li, ir-rikorrent ma laħqetx il-miri kif stipulat fl-istess kuntratt.
(b) L-atteġġjament tal-*management* versus ir-rikorrenti, dik ta' għażla ta' raġuni kif għandha tittermina l-impjieg, setghtet inftehmet dik li bl-Ingliż ngħidulha *Hobson's choice*. Għażla li ma irrizultatx fl-ebda ezitu negattiv lir-rikorrenti lejn il-futur tal-karriera tagħha.

Għalhekk it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellanta kienet waħda ta' riżenja.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Għall-finijiet ta' Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu.

James Pearsall

Chairman